**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Seduta 5 ta'Mejju 2022**

**Il-Pulizija**

**(Superintendent Johan J Fenech)**

**Vs**

**Samuel Stewart**

Il-Qorti;

Rat li Samuel Stewart, ta' 19-il sena, imwieled il-Pieta', fl-04/02/1999 bin Alistair Charles u Josette nee' Bonello, residenti Corradino Blk D Flt 6 Triq Kordin, Paola u detentur ta' karta tal-identita nru 54999M akkuzat talli fl-2016 minn gewwa r-residenza nru 44, Triq Anglu Gatt, Zejtun:

1) Ikkommettejt serq ta’ flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-persuna u bil-lok ghad-dannu tan- nannu tieghek Emanuel Demicoli miz-Zejtun;

   Akkuzat ukoll talli fl-istess zmien u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer

2) Xjentement ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun, indhalt biex tbigh jew tmexxihom.

Rat l-Artikoli 267,268(b),269(g),280(1) u 334(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li wara li sar l-ezami tal-imputat fil-20/11/18 wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet.

Rat li fil-25 ta’ Frar, 2022 l-Avukat Generali ipprezenta nota fejn ghall-finijiet tal-Artikolu 370(a) tal-Kodici Kriminali indika l-artikoli tal-ligi li abbazi taghhom tista’ tinstab htija :

Fl-artikoli 17,31,533,214,215,216(1)(b)218(1)(b)237(b)339(1)(d) 339(1)(l) 338(dd)383,384u 385 tal-Kap 9 Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat ix-xhieda kollha u l-provi u d-dokumentazzjoni kollha;

Rat l-atti kollha;

Rat l-provi kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet It-trattazzjoni finali tal-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidrat**

Rat ix-xhieda ta’ Superintendent Johan J Fenech, PS 1226 Silvan Pulis, Emanuel Demicoli, Vincent Bonello li inghatat fl-20 ta’ Novembru 2018 u li fl-istess data inghat d-digriet tal-prima facie.

Rat li fil-26 ta Frar 2019 xehed PS1266 Silvan Pulis u inhatret bhal Magistrat Suplenti Dr Katya Vassallo sabiex tisma’ x-xhieda ta’ Josephine Bonello.

Rat li fl-20 ta' Jannar 2020 dehret Dr Katja Vassallo li bil-gurament ezebiet ix-xhieda ta' Josephine Bonello.
Rat n-nota ta' Emanuel Demicoli intavolata fit 18/11/20 li ikkostitwixxa ruhu bhala Parte Civili.
Rat li fil-23 ta' Gunju 2021 nominat lil Dr Katja Vassallo bhala Magistrat Suplenti sabiex tiehu x-xhieda ta' Emanuel Demicioli.
Rat li fil-15 ta' Dicembru 2021 xehdet Dr Katja Vassallo li ezebiet Dok KV  xhieda ta' Emanuel Demicoli fejn gie ikkonfermat li l-imputat radd lura l-ammont in kwistjoni lill-Parte Civili.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi kollha rat li l-imputat kien hati tal-imputazzjonijet migjuba kontrih izda hu illiberat taht il-provvedimenti tal-artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor fi zmien sena. Il-Qorti tat-lill-imputat l-ispjegazzjoni preskritta ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**